QORTI ĊIVILI - PRIM'AWLA

IMĦALLEF

ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI
B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.

**Illum l-Erbgħa, 9 ta' Lulju 2025**

**Kawża Numru: 22**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 337/2025 JVC**

**Nicholas Degabriele detentur tan-numru tal-karta tal-Identita' 301585M personalment kif ukoll bħala kuratur għan-nom u in rappresentanza taz-zewġt itfal minuri tiegħu Danny Degabriele u Jamie Degabriele**

**vs**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat fejn ir-rikorrent premetta u talab kif isegwi:

'<u>Dikjarazzjoni Guramentata</u>

Nicholas Degabriele [K.I. 301585G(M)] jikkonferma bil-ġurament is-segwenti fatti li jafhom personalment:

1. Illi l-esponenti twieled fis-6 ta' Gunju 1985 u gie rregistrat fir-Registry Pubbliku erronjament bhala Nicholas Degabriele bin Philip Degabriele u Moira *wife of the said* Philip Degabriele kif huwa ahjar muri fl-anness certifikat tat-twelid immarkat Dokument A u kopja tal-karta ta' identita` hawn anness u mmarkata Dokument B, izda huwa kellu jigi registrat bhala Nicholas De Gabriele bin Philip De Gabriele u Moira *wife of the said* Philip De Gabriele.
2. Illi l-esponenti u l-partner tieghu Petra Coppini, ghandhom zewg [2] t'itfal, illum ghadhom minuri, Danny, imwieled 29 ta' Marzu 2019 u Jamie, imwieled 24 ta' Marzu 2021, li ukoll gew rregistrati fir-Registru Pubbliku erronjament bhala:
   - Danny Degabriele bin Nicholas Degabriele u Petra Coppini, u
   - Jamie Degabriele bin Nicholas Degabriele u Petra Coppini,

kif huwa ahjar muri fl-anness certifikati tat-twelid immarkat Dokument C u D.

3. Illi l-esponenti qed mill-ewwel jiddikjara illi kull fejn jidher l-isem Degabriele huwa erronjament miktub kif indikat ***Degabriele,*** kelma wahda, izda kellu jigi miktub bhal ***De Gabriele,*** zewg kelmiet.

4. Illi missieri l-esponenti l-imsemmi Philip De Gabriele huwa irregistrat fir-Registru Pubbliku bhala Philip De Gabriele kif juri l-annessi dokumenti:

- Certifikat tat-twelid ta' l-imsemmi Philip De Gabriele [Dokument E anness];
- Certifikat tat-twelid ta' hu l-esponenti, Simon De Gabriele [Dokument F anness];
- Certifikat tat-twelid ta' hu l-esponenti l-iehor Mark De Gabriele [Dokument G anness];
- Certifikat tat-twelid ta' oht l-esponenti Sarah De Gabriele [Dokument H anness] illum Sarah mizzewga Coppini; u
- Certifikat taz-zwieg ta' missier u omm ir-rikorrenti [Dokument I anness].

5. Illi l-esponenti ghandu interess li r-Registrazzjoni tat-Twelid tieghu u tat-tfal minuri tieghu Danny u Jamie fir-Registru Pubbliku kif ukoll l-Atti l-ohrajn kollha li huma ghandhom, inkluz il-karta ta' identita`, u jista jkollhom fil-futur, ikunu jirriflettu l-kunjom li hu u l-familja kollha tieghu verament ghandhom u konsistentament juzaw bhala l-kunjom li bih jissejjah u hu maghruf u cioe` l-kunjom De Gabriele flok Degabriele, u jigi hekk kkoregut u mibdul kull fejn jidher fl-

imsemmija registrazzjoni fl-atti tat-twelid tal-esponenti u t-tfal minuri Danny u Jamie;

6. Illi ghalhekk l-esponenti qieghed jipprocedi sabiex kull fejn jidher il-kunjom Degabriele fir-registrazzjoni tal-Att tat-twelid fir-Registru Pubbliku jigi sostitwit bil-kunjom De Gabriele u dana *a tenur* tal-Artikolu 253 tal-Kodici Civili [Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta].

RAĠUNI TAT-TALBA

1. Illi l-esponenti twieled fis-6 ta' Gunju 1985 u gie rregistrat fir-Registru Pubbliku erronjament bhala Nicholas Degabriele bin Philip Degabriele u Moira *wife of the said* Philip Degabriele kif huwa ahjar muri fl-anness certifikat tat-twelid immarkat Dokument A u kopja tal-karta ta' identita` hawn anness u mmarkata Dokument B, izda huwa kellu jigi registrat bhala Nicholas De Gabriele bin Philip De Gabriele u Moira *wife of the said* Philip De Gabriele.
2. Illi Danny De Gabriele twieled fid-29 ta' Marzu 2019 u gie rregistrat fir-Registru Pubbliku erronjament bhala Danny Degabriele bin Nicholas Degabriele u Petra Coppini kif huwa ahjar muri fl-anness certifikat tat-twelid immarkat Dokument C izda huwa kellu jigi registrat bhala Danny De Gabriele bin Nicholas De Gabriele u Petra Coppini.
3. Illi Jamie De Gabriele twieled fl-24 ta' Marzu 2021 u gie rregistrat fir-Registru Pubbliku erronjament bhala Jamie Degabriele bin Nicholas Degabriele u Petra Coppini kif huwa ahjar muri fl-anness certifikat tat-twelid immarkat

Dokument D izda huwa kellu jigi registrat bhala Jamie De Gabriele bin Nicholas De Gabriele u Petra Coppini.

4. Illi l-esponenti qed mill-ewwel jiddikjara illi l-isem Degabriele huwa erronjament miktub kull fejn jidher fl-imsemmija registrazzjonijiet tat-twelid kif indikat ***Degabriele***, kelma wahda, izda kellu jigi miktub bhal ***De Gabriele***, zewg kelmiet.
5. Illi missieri l-esponenti l-imsemmi Philip De Gabriele huwa irregistrat fir-Registru Pubbliku bhala Philip De Gabriele kif juri l-annessi dokumenti:

- Certifikat tat-twelid ta' l-imsemmi Philip De Gabriele [Dokument E anness];
- Certifikat tat-twelid ta' hu l-esponenti Simon De Gabriele [Dokument F anness];
- Certifikat tat-twelid ta' hu l-esponenti Mark De Gabriele [Dokument G anness];
- Certifikat tat-twelid ta' oht l-esponenti Sarah De Gabriele [Dokument H anness];
- Certifikat Taz-Zwieg ta' missier u omm ir-rikorrenti [Dokument I anness].

Illi l-esponenti ghandu interess li r-Registrazzjoni tat-Twelid tieghu u taz-zewg ulied minuri Danny u Jamie fir-Registru Pubbliku kif ukoll l-Atti l-ohrajn kollha li huwa ghandu, inkluz il-karta ta' identita`, u Atti ohrajn li jista' jkollu fil-futur, ikunu jirriflettu l-kunjom li hu u l-familja kollha tieghu verament ghandhom u konsistentament juzaw bhala l-kunjom li bih jissejjah u hu maghruf u cioe` l-kunjom De Gabriele flok Degabriele, u ghalhekk l-isem Degabriele kull fejn jidher jigi kkancellat u sostitwit b' De Gabriele.

TALBIET

Illi jgħid għalhekk id-Direttur tar-Registru Pubbliku għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara u tiddecidi li l-esponenti ghandhom kunjomhom De Gabriele u mhux Degabriele u fir-Registrazzjoni tat-twelid tat-tlett rikorrenti, l-kunjom Degabriele gie erronjament u biz-zbal miktub hekk u mhux De Gabriele;

2. Tordna li fl-istess Att ta' twelid ghandu jigi mibdul il-kunjom Degabriele ghall-kunjom De Gabriele u dana kull fejn jidher fl-imsemmi Atti ta' Twelid u fl-Atti l-ohrajn kollha inkluz il-Karta ta' Identita` tal-esponenti;

3. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jaghmel l-imsemmija korrezzjonijiet u dana fi zmien qasir u perentorju;

4. Tordna li l-Atti l-ohrajn kollha li r-rikorrenti ghandhom u jista jkollhom fil-futur jirriflettu l-kunjom li huma u l-familja taghhom ghadhom u cioe` De Gabriele.

Bl-ispjjeż kontra l-konvenuti li huma minn issa stess nġunti n subizzjoni.'

Rat ir-risposta tal-intimat Direttur tar-Reġistru Pubbliku illi taqra kif isegwi:

**'Preliminari:**

1. Illi preliminarjament din l-Onorabbli Qorti għandha tikkonferma jekk saritx pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Illi fl-umli fehma tal-esponent, u fl-interess tal-ġudizzju, l-omm tal-minuri '**Petra-Julienne Coppini**', u l-ġenituri tal-attur **'Nicholas Degabriele'** u ċioe' '**Philip Degabriele'** u **'Moira Degabriele'**, għandhom kollha jkunu parti mill-kawża odjerna tant illi t-talbiet tal-atturi jinkwadraw l-interessi tagħhom ukoll;

3. Illi, l-esponent m'huwiex edott mill-fatti kif ġew dikjarati fir-rikors promotur;

**<u>Fatti:</u>**

4. Illi mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet preliminari, l-esponent iressaq is-segwenti eċċezzjonijiet mingħajr preġudizzju għal xulxin;

5. Illi mill-atti u dokumentazzjoni fil-poteri tal-esponent jirriżulta illi, skont l-Att tat-Twelid bin-numru **3015/1985 (Anness u mmarkat bħala Dok. DRP 1)**, jidher illi l-attur '**Nicholas Degabriele'** twieled ġewwa Malta nhar is-sitta (6) ta' Ġunju 1985, lil '**Philip Degabriele'** u '**Moira** ***wife of the said*** **Philip Degabriele'**, fiż-żwieġ u dana skont id-dikjarazzjoni ta' missier l-attur fil-mument tar-reġistrazzjoni. Jingħad ukoll illi in vista tal-liġi in vigore f'dak iż-żmien, l-attur awtomatikament adotta kunjom missieru kif jidher fl-istess Att tat-Twelid u ċioe' l-kunjom '**Degabriele'**. Għaldaqstant, ċertament li ma jistax jingħad li sar xi żball mill-esponent Direttur tar-Reġistru

Pubbliku meta ġie reġistrat l-Att tat-Twelid sućitat, u kwalunkwe Att ta' Stat Ċivili ieħor tal-attur;

6. Illi bħala konsegwenza ta' din ir-reġistrazzjoni l-attur '**Nicholas Degabriele'** ġie ndikat bil-kunjom '**Degabriele'** wkoll fuq l-Atti tat-Twelid taż-żewġ uliedu **'Danny'** u **'Jamie'** bin-numri **2260/2019** u **2098/2021** rispettivament **(Annessi u mmarkati bħala Dok. DRP 2 u Dok. DRP 3)**, fejn huwa jidher bħala l-missier, u għalhekk, iż-żewġ minuri addottaw l-istess kunjom. Jingħad ukoll illi l-partikolaritajiet fuq iż-żewġ Atti tat-Twelid rispettivi ġew konfermati miż-żewġ ġenituri kemm fuq l-Atti tat-Twelid kif ukoll fuq id-dikjarazzjoni tan-notifika tat-twelid taż-żewġ minuri, u għalhekk, ċertament li ma jistax jingħad li sar xi żball mill-esponent Direttur tar-Reġistru Pubbliku**;**

7. Illi l-attur '**Nicholas Degabriele'** qiegħed jisħaq illi l-kunjom '**Degabriele'** għandu jiġi ndikat bħala **'De Gabriele'** u għal dan il-għan ippreżenta l-Att tat-Twelid ta' missieru '**Philip'** bin-numru **6752/1955,** kif ukoll l-Atti tat-Twelid ta' ħutu '**Simon'**, '**Mark'** u '**Sarah'** bin-numri **4874/1981**, **2298/1987** u **4470/1990** rispettivament. Madanakollu ta min jinnota li l-attur ma ppreżentax dokumenti ulterjuri fir-rigward tal-pretensjoni tiegħu;

**<u>Eċċezzjonijiet – Il-Pożizzjoni tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku:</u>**

8. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponent qiegħed **jirrimetti ruħu għat-talbiet kollha** magħmula mill-atturi, jekk din l-Onorabbli Qorti tkun sodisfatta sal-grad rikjest mil-liġi li, għal kuntrarju ta' dak li hu mniżżel fl-Att tat-Twelid ta'

'**Nicholas Degabriele'**, u kwalunkwe Att ta' Stat Ċivili ieħor li jappartjeni lill-istess atturi, l-verżjoni korretta tal-kunjom hija **'De Gabriele'** u mhux **'Degabriele',** salv;

9. Illi fir-rigward **tat-tieni, t-tielet, u r-raba' talba**, l-esponent Direttur jirrileva li sa fejn hemm referenza għal Atti ta' Stat Ċivili oħra li ma ġewx speċifikati bin-numru progressiv u s-sena ta' kull wieħed, sabiex l-esponent Direttur ikun f'pożizzjoni li jirrifletti t-tibdil fl-Att tat-Twelid fuq Atti ta' Stat Ċivili oħra relattivi, jekk dejjem dina l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tagħhom, ikun jeħtieġ illi l-atturi, **permezz ta' nota jippreżentaw l-Atti kollha ta' Stat Ċivili li fuqhom jeħtieġu li jsir tibdil fil-kunjom, u fl-istess nota għandhom jispeċifikaw n-numru progressiv u s-sena ta' kull wieħed, u dana sabiex l-istess Direttur tar-Reġistru Pubbliku jkun f'pożizzjoni illi jagħmel l-annotazzjonijiet rispettivi fuq dawn l-Atti ta' Stat Ċivili**;

10. Illi l-esponent Direttur jirrimarka li huwa għandu s-setgħa legali sabiex iwettaq biss korrezzjonijiet fuq Atti ta' Stat Ċivili li huma fil-poter tiegħu u mhux fuq kwalunkwe dokument ieħor;

11. Illi finalment, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ u kif spjegat aktar qabel, l-azzjoni tal-atturi mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas tal-esponent u <u>għalhekk m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti</u>;

12. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri skont l-liġi;

Bl-ispejjeż kontra l-atturi li qiegħdin jiġu nġunti in subizzjoni.'

Rat illi saret id-debita publikazzjoni skont il-Liġi esebita a fol. 56 tal-proċess b'dana li l-ewwel eċċezzjoni tad-Direttur intimat ġiet sorvolata.

Rat illi permezz tad-dokumentazzjoni esebita mir-rikorrenti ġiet sorvolata it-tieni eċċezzjoni tad-Direttur intimat.

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

Illi fil-mertu l-Qorti rat id-dokumentazzjoni kollha annessa mar-rikors ġuramentat partikolarment iċ-ċertifikati ta' qraba tal-istess rikorrent li kollha juru l-kunjom miktub "De Gabriele".

Rat ukoll id-dokumentazzjoni annessa mar-risposta tad-Direttur intimat ukoll konsistenti f'diversi ċertifikati u dikjarazzjonijiet illi se mai minn din id-dokumentazzjoni joħroġ illi l-mod kif inkiteb il-kunjom mhux xi negleġenza jew tort da parti tad-Direttur intimat.

Rat in-nota tar-rikorrenti datata 2 ta' Lulju 2025 kif korretta fejn ġew indikati liema ċertifikati għandhom jiġu korretti.

Rat l-affidavit ta' Petra Julienne Coppini omm il-minuri f'din il-kawża fejn iddikjarat illi hija taqbel illi kunjom il-minuri għandu jinqara "De Gabriele" u mhux kif jinqara preżentament.

Illi in vista ta' dan kollu l-Qorti tqis illi t-talbiet tar-rikorrenti huma ġustifikati u ser tgħaddi biex tilqa' l-istess.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha suesposti l-Qorti tgħaddi sabiex taqta' u tiddeċiedi l-kawża odjerna kif isegwi:

1. Tiċħad il-bqija tar-risposta tad-Direttur intimat sakemm din hija nkompatibbli ma' dak hawn deċiż;

2. Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti u tiddikjara u tiddeċiedi li r-rikorrenti għandhom kunjomhom 'De Gabriele' u mhux 'Degabriele' u li fir-Reġistrazzjoni tat-twelid tat-tlett rikorrenti, l-kunjom 'Degabriele' ġie erronjament u biż-żball miktub hekk u mhux 'De Gabriele';

3. Tilqa' t-tieni talba limitatament għaċ-ċertifikati tat-twelid tar-rikorrenti bin-numri 3015/1985, 2260/2019 u 2098/2021 b'dana li fuq dawn iċ-ċertifikati l-kunjom għandu jiġi ndikat bħala 'De Gabriele' filwaqt li tiċħadha fir-rigward tal-Karta tal-Identita' stante li m'hijiex fil-poter tad-Direttur intimat;

4. Tilqa' it-tielet talba kif dedotta;

5. Tilqa' ir-raba' talba limitatament għall-atti fil-poter tad-Direttur intimat;

6. Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jiġi notifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti u dan skont l-artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

**7.** Fiċ-ċirkostanzi l-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**9 ta' Lulju 2025**

**Cora Catania**
**Deputat Reġistratur**
**9 ta' Lulju 2025**